# Iċ-Ċimiterju tal-Addolorata

Iċ-ċimiterju tal-Addolorata hu l-akbar wieħed f'Malta għax hu mifrux fuq biċċa art imdaqqsa, dan jaf il-bidu tiegħu fis-seklu dsatax. Jinsab fuq art imsejħa l-għolja Tal-Horr, faċċata tal-qasam industrijali tal-Marsa. Dan il-post jidher fuq il-lemin, hekk kif mill-Marsa tkun dieħel Raħal Ġdid.



*In-naħa l-ġdida taċ-Ċimiterju*

Dan iċ-Ċimiterju kellu firxa ta' 18,432 qasba kwadra maqsuma f'żewġ diviżjonijiet, dik tal-Lvant u dik tal-Punent, li jħadnu fihom b'sezzjonijiet enumerati. Illum dan il-post tkabbar ħafna aktar.

Dan iċ-Ċimiterju ġie imsemmi għal Santa Marija Addolorata (id-Duluri), li kien sewa ħafna flus għal dak iż-żmien , £33,000.

L-Addolorata, hu mibni fuq stil Neo-Gotiku u l-pjanta tħejjiet mill-arkitett Emanuele Luigi Galizia, li twieled fis-7 ta' Novembru 1830 u miet fis-6 ta' Mejju 1906, li kien Supretendent tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Il-pjanta saret fl-1862 wara l-gvernatur ta' dak iż-żmien, Sir John Gaspard Le Merchant, qatagħha li jibni Ċimiterju kbir sabiex jindifnu il-mejtin li kienu jgħixu fil-belt kapitali Valletta, il-Furjana u fit-tlett Ibliet. F'dik is-sena ingħata bidu għax-xogħol li dam sejjer madwar seba' snin. Il-Hadd 9 ta' Mejju 1869, il-Vigarju Ġenerali Mons. Karm Scicluna, bierek iċ-Ċimiterju.



*Iċ-Ċimiterju hu mibni fuq stil Neo-Gotiku*

Iċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata hu mibni fuq stil Neo-Gotiku (l-istil Gotiku kien fl-aqwa tiegħu minn nofs s-seklu tnax sas-seklu sittax, bejn l-1150 u l-1500) Insejħulu Neo-Gotiku għax dan il-bini jixbaħ l-istil Gotiku imma mhux antik ta' dak iż-żmien. Il-bini kien lest fl-1868.

Kien importanti li jinbena dan ic-Cimiterju minħabba li 1869 saret liġi li ħadd aktar ma kien jista' jiġi midfun fil-qalba ta' xi belt jew raħal u l-anqas ma kien jista' jsir dfin fil-knejjes, kif kien hemm użanza li jsir qabel. Din il-liġi saret biex jiġi evitat il-periklu ta' xi mard, il-Gvern kien ordna li dan id-dfin ma jibqax isir.

Ma setax ikun li Ċimiterju hekk kbir u importanti ma jistax ikun li ma jkollux knisja ġo fih. Il-Perit Galizia ħa ħsieb li jħażżez pjanta għal din il-knisja fuq l-istess stil taċ-Ċimiterju, jiġifieri Neo-Gotiku. Dan il-bini għandu tul ta' 30 metru hemm tlett artali, korsija, żewġ navati u sagristija.

L-ewwel difna fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata saret fit-23 ta' Jannar 1872 f'qabar komuni. Mara fqira, Anna Magro, li mietet fl-eta' ta' 64 sena mill-Mosta u kienet tallaba.



*Il-knisja taċ-Ċimiterju qiegħda mibnija fuq l-istess stil.*

Mietet fl-isptar Ċentrali tal-Furjana. Matul is-snin, dan iċ-Ċimiterju tkompla jitkabbar, l-ewwel darba kienet dik li saret fl-1920.

Iċ-Ċimiterju għandu daħla sabiħa, b'arkitettura Neo-Gotika li ma tgħatti xejn mid-dehra ta' ġewwa b'dawk l-eluf ta' oqbra b'monumenti sbieħ u ta' arti li insibu hawnhekk. Il-ħidma tal-appostolat minn dejjem kienet f'idejn il-patrijiet Kappucini. Ftit iżjed minn 70 sena ilu fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata kienu ġa ndifnu aktar minn 140,000 difna.

L-arkitett Galizia kien responsabbli wkoll minn żewġ pjanti ta' ċimiterji oħrajn, dak ta' Braxia f'Tal-Pieta' u dak tat-Torok ġewwa l-Marsa.

***Ħajr William Camilleri***

